MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2856/2002

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Charles Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm562.55) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond client contract number 05009 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2001 u Mejju 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda tal-PL Peter Sammut in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ra l-prospett (Dok. PS1)..

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm562.55), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------